MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Appell Civili Numru. 2091/2000/1

**Joseph sive Joe u Mary**
**konjugi Parnis**

**v.**

**Raymond u Joan sive Jane**
**konjugi Pace**

**Il-Qorti:**
**Preliminari:**

B'citazzjoni prezentata fid-29 ta' Settembru, 2000 quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili l-atturi ppremettew illi

l-konvenuti talbu fil-konfront taghhom il-hrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 3761/97 fl-ismijiet “Raymond u Jane konjugi Pace vs Joseph sive Joe u Mary konjugi Parnis”, li permezz tieghu talbu li l-atturi jigu inibiti milli “jkomplu bix-xogholijiet ta’ kostruzzjoni minnu inkorsi fil-fond proprjeta` tieghu bla isem fi Triq Mons Alfred Mifsud Street, Birkirkara”; illi r-rikors promotur tal-konvenuti gie appuntat ghas-smigh u t-talba taghhom giet milqugha provizorjament fis-seduta ta’ nhar il-Hamis tlieta (3) ta’ Lulju, 1997; illi l-imsemmi mandat ghadu sal-gurnata tal-prezentata tal-prezenti citazzjoni ma gie la michud u lanqas ikkonfermat definittivament, pendenti relazzjoni peritali ta’ l-AIC Rene` Buttigieg, u li l-konvenut ghadu sal-gurnata odjerna ma pprezenta l-ebda kawza fil-mertu; illi minn dakinhar tal-hrug provizorju ta’ l-imsemmi mandat l-atturi soffrew danni ingenti konsistenti f’danni ingenti in konsegwenza ghall-esposizzjoni tal-proprjeta` taghhom ghall-elementi fi stat ta’ semi kostruzzjoni u f’termini ta’ zjieda fl-ispejjez li ser ikunu necessarji sabiex eventwalment jitlesta l-bini, kif ukoll f’termini ta’ telf ta’ uzu, ta’ qliegh u ta’ mghax in relazzjoni ghall-investiment taghhom fil-kostruzzjoni tal-proprjeta` taghhom; illi t-talba tal-konvenuti kienet *ab initio* malizzjuza, frivola u vessatorja, bazata fuq allegazzjoni assolutament infondata ta’ servitu` inezistenti, kif irrizulta mill-provi prodotti fl-atti tal-mandat innifsu, anke ghaliex fi kwalunkwe kaz ma kienx necessarju li jolqot l-izvilupp kollu, meta seta’ facilment ikun limitat ghal dik il-parti ta’ l-izvilupp li kien jaffettwa lill-konvenuti; illi permezz ta’ rikors prezentat fl-atti ta’ l-imsemmi mandat fit-23 ta’ Dicembru, 1998 l-atturi talbu li jigi mpost fuq il-konvenuti l-ghoti ta' garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista’ talvolta tigi mposta ai termini ta’ l-artikolu 836(8) tal-Kap 12 u ta’ danni u imghax, izda l-imsemmi rikors ghadu sal-gurnata odjerna ma giex dekretat u ghalhekk kellha ssir din il-kawza; dan premess l-atturi talbu li dik il-Qorti:-

1. tiddikjara li l-atturi soffrew danni bhala rizultat tal-hrug provizorju tal-Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 3761/97 fl-ismijiet *Raymond u Jane konjugi Pace vs Joseph sive Joe u Mary konjugi Parnis* u tillikwida d-danni hekk sofferti mid-data tal-hrug provizorju ta’ l-imsemmi mandat sal-

gurnata ta’ l-eventwali cahda definittiva jew decizjoni finali tal-kawza fil-mertu;
2. timponi fuq il-konvenuti l-penali kontemplata mill-artikolu 836 subinciz (8); u
3. tordna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati u l-penali hekk imposta.
Bl-imghax u bl-ispejjez legali inkluzi dawk tal-mandati ta’ sekwestru u ta’ qbid prezentati kontestwalment fl-istess ismijiet, bil-konvenuti ngunti in subizzjoni u bir-riserva ta’ kull dritt ta’ azzjoni ulterjuri fil-ligi.

B’nota pprezentata fit-30 ta’ Ottubru, 2000 l-konvenuti eccepew:-
1. In linea preliminari t-talba attrici hija prematura u intempestiva billi d-digriet ghas-sejha tal-hrug tal-Mandat ta’ Inibizzjoni hu wiehed provvizorju u mhux definittiv.
2. Illi sekondarjament anke kieku kien wiehed definittiv l-atturi kellhom kull possibilita` jimpunjawh, haga li ma ghamlux. Lanqas ma jista’ jigi pretiz illi l-eccipjenti jbatu l-konsegwenzi tal-fatt li l-qorti ma ddegretatx ir-rikors taghhom kontenenti talba ghall-imposizzjoni ta’ garanzija fit-termini ta’ l-Artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12.
3. Illi fit-tielet lok il-premessa ta’ l-atturi illi t-talba ghall-hrug tal-Mandat kienet “ab initio” malizzjuza, frivola u vessatorja” hi ghal kollox bla bazi, anke ghaliex, izda mhux limitatament ghalhekk, it-talba ta’ l-eccipjenti ghadha qed tigi nvestigata minn Perit Tekniku nominat mill-Qorti.
4. Illi f’kull kaz ma jispettax lil din il-Qorti li tindaga u tesprimi ruhha fuq il-meritu u fuq il-fatti li l-eccipjenti ppremettew ghat-talba taghhom ghall-hrug tal-Mandat ta’ Inibizzjoni, li del resto ghadu mhux definittiv, in kwantu altrimenti jkun ifisser li l-Qorti tkun qed tippregudika l-meritu tal-Mandat li ghadu qed jigi ezaminat u evalwat mill-Perit Gudizzjarju.

**Is-sentenza appellata.**

B’sentenza tat-28 ta’ Settembru, 2001 il-Prim Awla tal-Qorti Civili iddisponiet minn din il-vertenza billi wara li laqghet l-ewwel eccezzjoni mtella’ mill-imharrkin mizzewgin Pace u b’hekk qieset li l-azzjoni attrici hija

prematura u mhux f'waqtha, cahdet it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra taghhom.

L-atturi hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk b'rikors minnhom pprezentat fit-18 ta' Ottubru, 2001 talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti tirrevoka, tannulla u thassar dik is-sentenza billi tichad l-eccezzjonijiet ta' l-appellati, tilqa' l-ewwel talba attrici, u tirrimanda l-atti quddiem il-Qorti tal-Prim Istanza sabiex tiehu konjizzjoni u tiddeciedi fuq it-tieni u t-tielet talbiet attrici skond il-ligi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

Fir-rikors ta' l-appell taghhom l-atturi ppuntwalizzaw ir-ragunijiet li wasslu lill-ewwel Qorti biex tichad it-talbiet attrici bil-mod segwenti:-
"(1) illi mill-mod kif inhi mfassla l-azzjoni attrici, kull deliberazzjoni mibnija fuq l-animu tal-konvenuti fl-ghazla taghhom li jirrikorru ghall-hrug ta' Mandat hija ezercizzju li ta' bilfors torbot fuq x'sejra tqis fl-ahhar mill-ahhar il-Qorti li quddiemha hemm pendenti l-atti tal-Mandat, bil-konsegwenza li f'kawza bhal din il-Qorti qeghdha tintalab taghmel ezercizzju doppju (li jkun diga` sar mill-Qorti li quddiemha tmexxew il-proceduri ghall-hrug tal-mandat) jew ezercizzju ghal xejn (jekk kemm-il darba l-Qorti tal-Mandat tkun sabet it-talba tar-rikorrent misthoqqa);

"(2) illi b'zieda ma' dan, l-ewwel talba hija marbuta ma' grajja – l-gheluq definittiv tal-proceduri mal-Mandat – li ghadha ma sehhitx u mhux maghruf meta se ssehh, billi jekk il-kawza odjerna timxi b'aktar heffa mill-proceduri l-ohra, (a) il-Qorti mhux se tkun tista' twettaq dak li hemm mitlub (jigifieri, li tillikwida d-danni "sal gurnata ta' l-eventwali cahda jew definizzjoni finali", kif qieghed jintalab) u (b) mhix se tkun tista' tiddetermina l-fondatezza ta' dik it-talba qabel ma jkun hemm ezitu ta' l-atti tal-Mandat."

Dan premess l-atturi appellanti ressqu zewg aggravji kontra s-sentenza appellata u cioe`:-

a) L-ezercizzju mitlub mill-Qorti f'din il-kawza huwa distint u awtonomu mill-ezercizzju mitlub mill-Qorti fl-atti tal-Mandat.
b) Proceduralment ma hemm ebda ostakolu sabiex zewg kawzi dwar meritu konness jinstemghu, u anzi jinstemghu flimkien.

**Dwar l-ghan tal-proceduri odjerni.**

L-appellanti hawn jaghmlu distinzjoni bejn dak li hu mistenni mill-Qorti li tkun qed tikkunsidra t-talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni, u l-ezercizzju mistenni mill-Qorti li tkun adita b'talba bhal dik sottoezami. Infatti qed jinghad li filwaqt li fl-ewwel ipotezi l-Qorti hija tenuta biss li tikkonsidra jekk it-talba hijiex gustifikata fuq bazi *prima facie,* fit-tieni ipotezi, u cioe` fis-sitwazzjoni pprezentata bill-proceduri odjerni, il-Qorti trid tiddetermina l-animu tal-parti li tintavola t-talba tenut kont tal-fondatezza o meno tal-fatti allegati u tan-necessita` o meno illi l-mandat jigi mitlub f'termini hekk wiesa.

Wara li ezaminat bir-reqqa s-sentenza appellata u s-sottomissjonijiet maghmula mill-appellanti fir-rigward, din il-Qorti ma tara ebda raguni l-ghala ghandha tiddipartixxi mill-konkluzzjonijiet raggunti mill-Qorti ta' Prim Istanza. Jigi rilevat li t-talba attrici, kif proposta f'dawn il-proceduri, hija intimament marbuta ma' l-ezitu tal-proceduri koncernanti t-talba ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Infatti t-talba attrici hija ippernjata fuq zewg premessi: id-dewmien tad-determinazzjoni finali tal-proceduri ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni[1] billi minn meta dan il-mandat gie akkolt provvizorjament l-atturi qeghdin isofru danni, u inoltre qieghed jinghad li t-talba ghall-hrug ta' l-imsemmi mandat hija malizzjuza, frivola u vessatorja billi ma kienx necessarju li jintlaqat l-izvilupp kollu ta' l-atturi.[2]

Mir-rizultanzi processwali certament ma jistghax jinghad li d-dewmien fid-determinazzjoni finali tal-proceduri ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni, jista' jigi addebitat lill-konvenuti appellati. Infatti fl-istess citazzjoni attrici jinghad

[1] Ara f'dan ir-rigward it-tielet u r-raba' premessi fic-citazzjoni.
[2] Ara f'dan ir-rigward is-sitt premessa fic-citazzjoni.

li dawk il-proceduri qed jistennew relazzjoni peritali ta' l-espert inkarigat minn dik il-Qorti. Isegwi ghalhekk li l-konvenuti appellati ma jistghux jigu tenuti responsabbli ghad-danni rizultanti minn dan id-dewmien.

Illi nkwantu t-talba hija bazata fuq l-animu "malizzjuz" ta' l-appellati fit-talba taghhom ghall-hrug tal-mandat in kwistjoni, din certament tiddipendi fuq il-kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet li ser taghmel il-Qorti li hija adita bit-talba ghall-hrug tal-mandat. Ghalhekk talba ghal-likwidazzjoni ta' danni subiti minhabba dik it-talba tista` biss tigi kunsidrata fil-kuntest tal-provvediment li jinghata minn dik il-Qorti. Din il-Qorti ghalhekk taqbel pienament ma dak li qalet l-ewwel Qorti meta esprimiet ruhha hekk: "*kull deliberazzjoni mibnija fuq l-animu ta' l-imharrkin fl-ghazla taghhom li jirrikorru ghall-hrug ta' mandat hija ezercizzju li* <u>*tabilfors*</u> *jorbot fuq x'sejra tqis fl-ahhar mill-ahhar il-Qorti li quddiemha hemm pendenti l-atti tal-mandat ghaliex talba biex wiehed jgharbel il-motiv li jwassal biex persuna titlob il-hrug ta' mandat kontra persuna ohra trid u ma tridx hija talba li taghmel l-istess apprezzament li jrid isir fil-procedura ta' dak il-mandat."* Dan l-aggravju qieghed ghalhekk jigi respint.

**Dwar l-ostakolu procedurali.**

L-appellanti jissottomettu li anke kieku stess wiehed kellu jikkunsidra li decizjoni wahda necessarjament ser taffettwa lill-ohra, huma ma jaraw l-ebda raguni procedurali ghalfejn id-determinazzjoni tat-talba ghall-hrug ghandha tiehu precedenza fuq it-talbiet attrici. U, f'kaz li jista' jkun hemm pregudizzju bil-proceduri mixjin parallellament, l-appellanti jissottomettu li hemm ir-rimedju tal-*lis alibi pendens* jew dak tal-*konnessjoni ta' kawza ma ohra* kontemplati fl-artikoli 792 u 793, rispettivament, tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Din il-Qorti ma tistax taccetta din is-sottomissjoni billi taqbel pienament ma' dak li rilevat mill-ewwel Qorti, u kif b'mod car espost mill-konvenuti appellati sew fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghhom fil-proceduri in prim istanza, kif ukoll fir-risposta ghall-appell ta' l-atturi, li "*biex Qorti fil-*

*kazi eccezzjonali meta dik l-ghazla tista' ssir irid ikollha prova li hemm kawza ohra pendenti u marbuta maghha (li f'dan il-kaz m'hemmx)*[3]*".* L-istess appellati osservaw li "*Jekk wiehed jezamina attentament iz-zewg disposizzjonijiet tal-ligi citati mill-appellanti jiskopri li kemm fil-kaz wiehed kif ukoll fil-kaz l-iehor il-ligi tippresupponi l-ezistenzi ta' zewg "kawzi" introdotti quddiem "qorti kompetenti*"". It-talba ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju certament ma tikkwalifikax bhala kawza. Isegwi li m'hux il-kaz li jigu applikati l-provvedimenti ta' l-Artikolu 792 jew ta' l-artikolu 793.

Finalment din il-Qorti tikkondividi l-hsieb ta' l-ewwel Qorti meta fis-sentenza appellata qalet li "*il-fatt innifsu li l-atturi jahsbu li jipproponu s-soprassessjoni ta' din il-kawza sakemm jinqata' l-Mandat hija fuq kollox sqarrija ta' l-intempestivita` ta' l-azzjoni taghhom prezenti*….."[4] (sottolinear ta' din il-Qorti).

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell interpost mill-atturi qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez kontra l-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[3] Ara fol. 10 tas-sentenza appellata.
[4] Ara fol. 10 tas-sentenza appellata.